MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 2241/1997/1

Il-Perit Arkitett Renato **LA FERLA**

vs

**D-DIRETTUR TAT-TURIŻMU** u d-Direttur tal-Mużewijiet u b’Nota tas-16 ta’ Settembru, 2003, Dottor Mario Tabone bħala *Chairperson* ta’ *Patrimonju Malta* assuma l-atti tal-kawża minflok id-Direttur tal-Mużewijiet

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-2 ta’ Ottubru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar periti, d-drittijiet professjonali dovuti lilu b’rabta mal-bini ta’ *visitors’ centre*

tal-kumpless arkejoloġiku ta' Ħaġar Qim/ Imnajdra, fil-limiti tal-Qrendi; (b) tgħid liema mill-imħarrkin għandu jħallas l-ammont likwidat ta' dritt professjonali mistħoqq, jew f'liema proporzjon bejniethom għandhom iħallsuh dak l-ammont; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin jew lil min minnhom biex iħallsuh l-ammont hekk likwidat. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-5 ta' Ġunju, 1998, li biha l-imħarrkin laqgħu għat-talbiet attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni ma tiswiex għaliex ma tħarsux id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqgħu wkoll billi qalu li l-attur ma jistax jippretendi ħlas jekk qabel ma jurix li tassew kien ingħata ħatra mill-Gvern biex jagħti s-servizzi tiegħu u li bis-saħħa tagħha biss jista' jingħad li hemm rabta kuntrattwali bejnu u bejnhom. Żiedu jgħidu li għax-xogħol li dwaru l-attur jippretendi l-ħlas, huma kienu diġa' ħallsu lil ditta ta' periti għal dak l-istess xogħol li kien magħmul minnha. F'kull każ, jekk tassew l-attur kien tqabbad mill-Gvern, dan sar fil-kwalita' ta' konsulent u mhux bħala ħatra professjonali ta' perit, u għalhekk ma jgħoddx għalih ħlas taħt it-Tariffa "K" tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan ukoll jekk biss minħabba r-raġuni li pretensjoni bħal din toħloq nuqqas qawwi ta' ugwaljanza fil-konfront ta' l-impjegati tas-settur pubbliku, liema disugwaljanza toffendi l-prinċipji bażilari tal-Kostituzzjoni. Temmew jeċepixxu l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili dwar dak ix-xogħol li tiegħu l-attur jippretendi ħlas u li kien sar aktar minn sentejn qabel talab ġudizzjarjament il-ħlas. F'kull każ, l-attur ma jistħoqqlux ħlas ladarba abbanduna l-proġett bla ma kellu raġuni tajba biex jagħmel dan;

Rat is-sentenza tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Novembru, 1998[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-6 ta' Ottubru, 1999[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores

[1] Paġġ. 47 – 57 tal-proċess
[2] Paġ. 63 tal-proċess

Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet u l-provi dokumentali minnhom imressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2003, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-16 ta' Settembru, 2003[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-21 ta' Novembru, 2003[4], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Jannar, 2004, li bih ċaħdet talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tat-12 ta' Diċembru, 2003, biex in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin titneħħa mill-atti tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal likwidazzjoni u ħlas ta' drittijiet professjonali. L-attur huwa perit arkitett. Huwa jgħid li kien imqabbad mill-Gvern biex jagħti s-servizzi professjonali tiegħu għall-bini ta' ċentru għall-viżitaturi li kellu jinbena fil-kumpless arkejoloġiku ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, fil-limiti tal-Qrendi. Jgħid li, wara li fassal il-pjanti u għamel kulma kien meħtieġ biex jinbeda l-proġett, intalbu xi bidliet mill-Gvern f'dak li kien sottomess u approvat, iżda billi dak mitlub ma kienx jaqbel ma' dak approvat, inqala' diżgwid bejnu u min qabbdu. Jgħid li kellu jitlaq lill-klijent u jħalli l-proġett. Billi ma tħallasx

[3] Paġġ. 189 – 190 tal-proċess
[4] Paġġ. 192A – 5 tal-proċess

għax-xogħol kollu li wettaq, irid li l-ammont xieraq ikun likwidat u jsirlu l-ħlas mistħoqq;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin jilqgħu billi jgħidu li l-attur ma jistax jippretendi ħlas ta' servizzi professjonali qabel ma juri li tassew kien inħatar regolarment biex jagħti dawk is-servizzi u f'liema kwalita' kien hekk imqabbad. Jgħidu li għax-xogħol li l-attur qiegħed jippretendi l-ħlas, huma kienu ħallsu lil ditta ta' periti barranija li kienet inħatret biex tieħu l-proġett. Jgħidu li l-attur l-aktar li seta' kien imdaħħal fil-biċċa kien bħala konsulent tal-Gvern u mhux bħala perit maħtur, u għalhekk ma jgħoddux għalih it-tariffi maħsuba fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, għaliex jekk jiġri hekk ikun hemm differenzi kbar bejn il-ħlas li jippretendi l-attur bħala perit u l-ħlas li jingħataw persuni professjonali fis-servizz pubbliku għall-istess xogħol. Jagħlqu billi jgħidu li, f'kull każ, il-pretensjonijiet tal-attur dwar ħlas ta' xogħlijiet li kienu saru aktar minn sentejn qabel waqgħu bil-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili u li, dwar ix-xogħol l-ieħor ma jistħoqqlu l-ebda ħlas billi huwa abbanduna kull sehem li seta' kellu fil-proġett bla ma kellu raġuni tajba biex jagħmel dan;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li għall-ħabta tal-1992 id-Dipartiment tat-Turiżmu fassal proġett għall-parkeġġ għal min imur iżur it-tempji preistoriċi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra. L-attur tqabbad jagħti s-sehem tiegħu bħala konsulent wara li l-perit tad-Dipartiment kien ħalla u mar jaħdem ma' kuntrattur[5]: kien ftiehem li jitħallas b'rata miftehma fis-siegħa, bħalma kien jitħallas fuq xogħol ieħor ta' konsulenza li kien qiegħed jagħti lill-istess Dipartiment band'oħra (fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi, f'San Ġorġ). Ta' dak ix-xogħol huwa kien tħallas[6];

Illi aktar tard, id-Dipartiment tħajjar iniedi proġett ta' ċentru għall-viżitaturi biswit l-istess tempji. Dan iċ-ċentru kellu jkun taħt l-art u jinbena minflok stabiliment kummerċjali li kien hemm fl-inħawi. L-attur ukoll tqabbad bħala konsulent u daħħal miegħu ditta ingliża ta' periti, bl-isem

[5] Affidavit tal-attur 6.10.1999 f'paġġ. 65 – 7 tal-proċess
[6] Dok "JM", f'paġġ. 143 sa 157 tal-proċess

ta' BDG, biex tgħinu[7]. F'Awissu tal-1994, l-attur ressaq it-talba għall-approvazzjoni tal-iżvilupp għaċ-ċentru quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar[8], iżda li tqieset li ddaħħlet f'Novembru[9]. F'Diċembru tal-1994, id-Dipartiment tat-Turiżmu ħallas £1,800 lil BDG dwar servizzi professjonali li wettqu dwar il-proġett f'diskussjonijiet mal-attur[10];

Illi l-attur ħejja l-pjanti taċ-ċentru proġettat u ħa sehem sħiħ fil-proċess li kien għaddej quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar. L-Awtorita' kompetenti ħarġet il-permess għall-iżvilupp tal-imsemmi ċentru f'Ottubru tal-1995[11]. Iżda l-proġett ma bediex jitwettaq;

Illi f'April tal-1996, l-attur bagħat jitlob il-ħlas għax-xogħol li wettaq lis-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, iżda dan għarrfu li l-proġett kien għadda f'idejn id-Dipartiment tal-Mużewijiet u kull korrispondenza kellha, minn dak inhar 'l hemm, tintbagħat lid-Direttur ta' dak id-Dipartiment[12]. Fil-fatt jirriżulta li kien dak ix-xahar li l-proġett għadda minn dipartiment għall-ieħor[13]. Fil-bidu ta' Mejju tal-1996[14], id-Direttur tal-Mużewijiet bagħat jgħarraf lill-attur li kellu jkompli bix-xogħol tiegħu bħala l-perit tal-proġett u talbu jgħaddilu xi dokumentazzjoni mill-aktar fis. Minnufih wara, l-attur bagħat iwieġeb li hu ma kien bl-ebda mod lest li jibdel jew inaqqas il-ħlas dovut lilu jew il-kriterji li bihom kellu jitħallas għax-xogħol li kien qed jagħmel fil-proġett[15];

Illi l-attur reġa' kiteb lid-Direttur aktar tard f'Mejju tal-1996[16], dwar ix-xogħlijiet li kien qed jintalab jagħti u l-ħlasijiet mistennija. Din l-ittra ma ntweġbitx u f'Awissu, l-attur reġa' kiteb biex jgħarraf lid-Direttur li kien iqis li l-proġett ma kienx se' jitkompla u talbu jħallsu l-ammont li kien qiegħed jippretendi għax-xogħol li kien laħaq wettaq sa dak inhar b'rabta mal-proġett[17]. F'dik l-ittra talab ħlas

---

[7] Xhieda tiegħu 15.11.2000, f'paġ. 93 tal-proċess
[8] Dok "JF", f'paġġ. 111 – 3 tal-proċess
[9] Dok "RL3", f'paġġ. 101 – 2 tal-proċess
[10] Dokti "1" sa "4", f'paġġ. 34 – 7 tal-proċess
[11] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 7 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 8 tal-proċess
[13] Affidavit ta' Anthony Paċe Dok "MSA" f'paġ. 173 tal-proċess
[14] Dok "E", f'paġ. 11 tal-proċess
[15] Dok "F", f'paġ. 12 tal-proċess
[16] Dok "Ġ", f'paġ. 13 – 4 tal-proċess
[17] Dok "Ħ", f'paġ. 15 tal-proċess

ta' Lm 17,762.63[18], liema talba żiedha b'Lm 107.41 oħra f'ittra li kiteb lid-Direttur f'Settembru[19], minħabba xi servizzi oħrajn li ma kinux magħduda fl-ittra ta' qabel. Sadattant, lejn l-aħħar ta' Lulju tal-1996, il-*project manager* Derek Broadley kien kiteb lill-imħarrek Direttur tat-Turiżmu biex itemm il-ħatra tal-attur minħabba li sa dak inhar kien naqas milli jressaq il-pjanti skond il-bidliet il-ġodda taċ-ċentru tal-viżitaturi[20];

Illi fil-11 ta' Novembru tal-1996[21], l-attur interpella lill-imħarrek Direttur tal-Mużewijiet b'ittra uffiċjali biex iħallsu s-somma pretiża. Fis-6 ta' Ġunju, 1997[22], interpella b'ittra uffiċjali lill-imħarrek Direttur tat-Turiżmu biex iħallsu l-ammont pretiż, għal liema talba d-Direttur wieġeb b'att ġudizzjarju fit-13 ta' Ġunju, 1997, biex jgħarrfu li d-Dipartiment ma kienx aktar responsabbli mill-proġett;

Illi f'Ottubru tal-1997, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, jidher li l-Qorti għandha tħoll tliet kwestjonijiet: fl-ewwel lok, trid tqis x'għamla ta' impenn daħal għalih l-attur; fit-tieni lok, trid tara x'inhu s-sies tal-pretensjonijiet tal-istess attur; u, fit-tielet lok u jekk jingħelbu ż-żewġ kwestjonijiet ta' qabilha, li tistħarreġ il-kwestjoni dwar min, mill-imħarrkin, irid iwieġeb għall-pretensjonijiet tal-attur;

Illi **dwar l-ewwel kwestjoni** l-attur iqis li, dwar is-servizzi li huwa jippretendi l-ħlas tagħhom f'din il-kawża, bejnu u l-imħarrkin kien hemm rabta professjonali ta' klijent u perit. L-attur kemm-il darba matul l-għoti tax-xhieda tiegħu ifisser x'inhi l-pretensjoni tiegħu u l-bażi li jibniha fuqha[23]. Bl-istess mod, għal aktar minn darba, tenna liema huma s-servizzi li kien ta li tagħhom ma jippretendi l-ebda ħlas f'din il-kawża[24]. Huwa jqis li, hekk kif id-Dipartiment talbu jniedi l-pjanti taċ-ċentru tal-viżitaturi u jressaq f'ismu t-

[18] Li jġibu €41,375.80 fi flus tal-lum
[19] Dok "J", f'paġ. 18 tal-proċess
[20] Dok f'paġ. 179 tal-proċess
[21] Dokti "K" u "RL2", f'paġġ. 19 u 91 – 2 tal-proċess
[22] Dokti "O" u "RL1", f'paġġ. 24 u 88 – 9 tal-proċess
[23] Xhieda tiegħu 16.12.2002 u 29.5.2003, f'paġġ. 129, 131, 167 u 169 tal-proċess
[24] Xhieda tiegħu 16.12.2002 u 29.5.2003, f'paġġ. 132 u 166 tal-proċess

talba mal-Awtorita' tal-Ippjanar (kif kienet magħrufa l-M.E.P.A. dak iż-żmien) għall-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp, tnisslet rabta professjonali fis-sens veru tal-kelma u mhux biss arranġament ta' konsulenza. Huwa jgħid li dan huwa hekk minħabba li, minn dak il-ħin 'il quddiem, dak li wettaq kien jorbtu b'responsabbilta' dwar dak kollu li kien maħsub li jsir fil-proġett imfassal. B'dan il-mod, huwa jgħid li tnissslet rabta professjonali bejnu u bejn min ħatru li ġġib fis-seħħ it-tħaddim tat-Tariffa "K" li tagħmel mill-Iskeda "A" mehmuża mal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. B'mod partikolari, l-attur jinvoka l-paragrafi (10) u (11) tal-istess Tariffa;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li qatt ma sar ingaġġ formali bejnhom u l-attur u ma hemm l-ebda prova ta' ħatra formali li, fil-qasam tas-servizz pubbliku, jmissha tkun waħda formali mħarsa bir-regolamenti fis-seħħ[25]. L-imħarrkin jaslu biex jikkonċedu li jekk tassew kien hemm xi forma ta' ħatra tal-attur, din kienet l-istess ħatra ta' konsulenza li huwa kien ingħata meta kien tqabbad f'dan ir-rigward mid-Dipartiment tat-Turiżmu snin qabel. F'dan il-każ, huma jisħqu li taħt arranġament bħal dak, l-attur ma jkun qatt intitolat jitlob ħlas taħt it-Tariffa msemmija minnu;

Illi huwa stabilit li l-kuntratt li bih perit arkitett u klijent tiegħu jiftehmu li tal-ewwel jagħti s-servizzi professjonali tiegħu huwa kuntratt ta' kiri ta' xogħol u ta' industrija, liema kuntratt huwa suġġett għall-kundizzjoni riżoluttiva taċita bħal kull kuntratt bilaterali ieħor[26]. Dan ifisser li, meta kundizzjoni bħal dik isseħħ, l-obbligazzjoni tiġi maħlula u terġa' tqiegħed il-ħwejjeġ fil-qagħda bħallikieku l-obbligazzjoni ma kienet saret qatt[27]. Iżda dawn id-dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-obbligazzjonijiet in ġenerali jridu jittieħdu b'qies fil-qafas tal-kuntratt partikolari li jkun, u f'każ li l-kuntratt partikolari jkollu regoli li ma jaqblux mar-regola ġenerali, japplikaw ir-regoli tal-kuntratt partikolari[28]. Il-kuntratt li bih wieħed jitlob is-servizzi ta' perit, bħalma jitlob is-servizzi ta' professjonist ieħor, ma

---

[25] Paġ. 193 tal-proċess
[26] App.Ċiv. **4.11.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbara vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (Kollez.Vol: **LXXI.i.214**)
[27] Art. 1066(1) tal-Kap 16
[28] App. Ċiv. **23.11.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole et vs Grixti*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.515**)

jitlob l-ebda forma tassativa għas-siwi tiegħu, wisq anqas is-sura miktuba. Ir-rabta tinħalaq malli ssir it-talba mill-klijent u malli l-persuna professjonista tilqa' dik it-talba, u timmanifesta ruħha mis-sura ta' servizz li jintalab li jsir;

Illi wara li l-Qorti qieset sewwa l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża hija tasal għall-fehma li meta l-attur tqabbad ifassal il-pjanti taċ-ċentru u jissottomettihom għall-approvazzjoni ta' awtorita' kompetenti biex jinħareġ permess ta' żvilupp, ir-rabta kienet waħda ta' servizz professjonali u mhux ta' sempliċi konsulenza. Il-Qorti taqbel mal-attur ukoll li dik il-ħatra kienet iġġib magħha wkoll responsabbilta' li l-attur ma kienx ikollu f'servizz ta' konsulenza. Il-fatt li ma sarx ingaġġ formali jew b'xi sejħa dipartimentali pubblika ma jnaqqas xejn mill-impenn u r-rabta li l-attur daħal għalihom bis-servizz li ta, u ma jidhirx li jkun xieraq li, minħabba xi nuqqas tekniku bħal dan, id-Dipartimenti kienu ħielsa li jistagħnew b'servizz professjonali u mbagħad jeħilsu mill-effetti ta' dak is-servizz billi jallegaw tali nuqqas;

Illi f'dan ir-rigward, l-attur għamilha ċara sa mill-bidu li fir-rigward tas-servizz tat-tfassil tal-pjanti u t-talba għall-ħruġ tal-permessi, huwa kien qiegħed iqis li ma kienx qed jagħti sempliċi servizz ta' konsulenza, iżda servizz sħiħ professjonali ta' perit arkitett. F'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li l-istess ambjenti dipartimentali kienu jikkunsidraw is-sehem tal-attur bħala servizz profesjonali sħiħ u mhux sempliċi konsulenza. Huwa indikattiv ħafna dak li d-Direttur tat-Turiżmu Lino Borġ kiteb (f'Awissu tal-1996, u jiġifieri meta kien diġa' beda jberraq bejn l-attur u d-Dipartiment tal-Mużewijiet) lill-*project manager* Broadley meta qallu dawn il-kliem testwali "*In the case under review Architect Laferla had prepared all designs and submitted applications and obtained relative permit from the Planning Authority. Thus if Museum Departmetn* (sic) *decides to dispense with the services of Mr Laferla then Government is bound to pay him a fee amount to* $^{2}/_{3}$ *of 6% of the cost of the project*"[29]. Daqstant ieħor jidhru rilevanti l-kliem tal-imħarrek Direttur tal-Mużewijiet fl-ittra tiegħu lill-attur tat-3 ta' Mejju, 1996 meta qallu "*We will be pleased*

[29] Dok "DT/01", f'paġ. 69 tal-proċess

*to consider your continuation as architect for this project, given the work you have already carried out on behalf of the Parliamentary Secretary for Tourism*"[30];

Illi l-Qorti jidhrilha li b'dikjarazzjonijiet ta' din is-sura mhux biss saret riferenza għal dak li jipprovdi l-paragrafu (11) tat-Tariffa "K", iżda li l-istess Dipartimenti mħarrka kienu jagħrfu li l-attur kien tqabbad bħala professjonist u mhux biss bħala konsulent;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tal-imħarrkin m'humiex mistħoqqa u għalhekk m'hijiex sejra tilqagħhom;

Illi dwar **it-tieni kwestjoni** l-artikolu 1627 tal-Kodiċi Ċivili jagħmel applikabbli għall-kuntratt ta' kiri ta' xogħol u ta' industrija, fost l-oħrajn, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1570 tal-istess Kodiċi, liema artikolu jixbah ħafna dak li jitkellem dwar l-effetti tal-kondizzjoni riżoluttiva li sseħħ meta parti tonqos milli twettaq dak li ntrabtet mal-parti l-oħra li tagħmel;

Illi huwa stabilit li waqt li l-kriterji tal-imsemmija Tariffa jgħoddu għal dak ix-xogħol mitlub li ma jkunx laħaq sar, fil-każ tax-xogħol li twettaq qabel intemmet ir-rabta professjonali jibqgħu japplikaw ir-rati miftehma mal-klijent[31];

Illi ladarba l-kundizzjoni riżoluttiva tkun ġiet fis-seħħ u ma jkunx għadu aktar fadal il-kuntratt biex jirregola 'l-partijiet, kull prestazzjoni li setgħet saret **wara** li jkun inħall dak il-kuntratt ma tkunx iżjed imkejla skond dak il-kuntratt, imma skond dawk il-kriterji li l-liġi tistabilixxi f'każijiet fejn ma jkunx hemm ftehim espress. Għalhekk, fil-każ ta' servizzi professjonali mwettqa minn periti arkitetti, fejn tali prestazzjonijiet ma jkunux ġew espressament miftehma bejnhom u l-klijenti tagħhom, id-drittijiet jitqiesu kif stabiliti fl-imsemmija Tariffa "K". Iżda, fil-każ tagħhom u konformement mal-aspett fiduċjarju tar-relazzjoni professjonali, skond il-Paragrafu (11) tal-imsemmija

---

[30] Dok "E", f'paġ. 11 tal-proċess

[31] P.A. DS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Alexander Bezzina et vs Joseph Mizzi et noe et***

Tariffa, d-drittijiet hekk dovuti japplikaw kemm jekk il-klijent jabbanduna lill-perit u kif ukoll jekk il-perit jabbanduna l-klijent. Fi kliem ieħor, jidher li, minħabba n-natura fiduċjarja tal-kuntratt bejn il-professjonista (l-perit arkitett) u l-klijent, il-kawża tal-kundizzjoni riżoluttiva konsistenti fin-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni ma tibqax rilevanti għall-finijiet tad-"danni" mġarrba u likwidabbli lill-parti professjonista f'dan il-kuntratt. Dan iwassal ukoll għal dak li l-imħarrkin, mhux mingħajr raġuni, jilmintaw minnu fin-Nota tagħhom u jiġifieri li perit jista', minn rajh u bla ħtija min-naħa tal-klijent, jiddeċiedi li jieqaf milli jagħti aktar servizzi professjonali lill-klijent tiegħu meta proġett ma jkunx għadu ntemm, u jippretendi l-ħlas tad-drittijiet tiegħu fuq il-bażi tal-imsemmi Paragrafu (11) xorta waħda u minkejja dak li seta' kien miftiehem bejnu u l-klijent bħala ħlas ta' onorarju[32];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jidher li l-limitu waħdieni għall-applikazzjoni tal-imsemmija Tariffa f'ċirkostranzi tal-abbandun min-naħa jew mill-oħra huwa biss jekk jirriżulta li l-prestazzjonijiet li dwarhom il-perit arkitett jippretendi l-ħlas ikunu saru b'mod li manifestament iqarrqu bil-klijent (per eżempju, meta jitfassal xogħol li jkun kontra l-liġi fis-seħħ) jew ikun teknikament improponibbli mad-daqqa t'għajn għal min jifhem. Dan jingħad b'applikazzjoni tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit*, li għalhekk ixejjen il-massima li *omnis labor optat proemium*, li fuqu jidher li jissejjes il-Paragrafu (11) tal-imsemmija Tariffa;

Illi għalhekk, il-qari li jrid jingħata lill-kliem tal-imsemmi Paragrafu jwassal lill-Qorti għall-fehma li r-raġuni għaliex perit arkitett jagħżel li ma jibqax jaħdem aktar għall-klijent tiegħu ma tagħmel l-ebda bidla fuq id-dritt li jkun jista' jitlob. Fi kliem ieħor, ma jidhirx li wieħed jista' jdur għall-kriterju ta' xi "raġuni tajba u suffiċjenti" wara l-għażla tal-abbandun: u dan jgħodd kemm fir-rigward ta' abbandun mill-klijent u kif ukoll mill-perit innifsu. Jidher li dak il-Paragrafu jagħmel differenza biss fir-rigward tal-istat li jkun wasal fih ix-xogħol meta r-rabta professjonali tintemm. Fil-każ preżenti, il-Qorti tinnota li meta l-proġett

[32] App. Ċiv. **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Renato Laferla vs Louis Kirkop***

għadda mid-Dipartiment tat-Turiżmu għal dak tal-Mużewijiet, saret bidla fil-ħsieb dwar il-proġett. Din il-bidla kienet tikkonsisti filli ċ-ċentru proġettat ma kienx se' jibqa' aktar binja taħt l-art imħaffra ġo blat maqtugħ, iżda binja 'l fuq minn wiċċ il-blat minflok stabiliment kummerċjali li kien hemm fl-inħawi u li kellu jitwaqqa'. Din il-bidla lill-attur ma niżlitlux (huwa jsejħilha "ħolma kerha")[33] u minn hemm inqala' disgwid mad-Direttur tal-Mużewijiet imħarrek;

Illi ma hemm l-ebda dubju li meta l-attur iddikjara li qed jabbanduna l-ħatra, il-proġett ma kienx intemm. Lanqas kien għadu nbeda. L-imħarrkin jisħqu li l-attur abbandunahom bla ebda raġuni tajba. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tidħol f'din il-kwestjoni. Li huwa ċar hu li, kemm l-imħarrek u kif l-attur waslu f'qagħda li jagħrfu li r-rabta professjonali (fiduċjarja) ta' bejniethom ma kellhiex futur. Kien fil-jedd tal-attur li, bħala professjonist ħieles, ma jaqbilx ma' xi ħaġa li l-klijent ikun irid. B'daqshekk ma jkunx qiegħed jabbanduna l-inkariku bla raġuni tajba;

Illi, kif ingħad, il-bażi kollha tal-azzjoni attriċi tistrieħ fuq il-paragrafu (11) tat-Tariffa li titkellem dwar "*Drittijiet meta l-perit jabbanduna lill-Klijent jew jiġi abbandunat mill-Klijent jew Xogħlijiet jibqgħu mhux magħmula*". Kif sewwa issottometta l-attur fin-Nota tiegħu, din il-bażi tibqa' trieġi jkun min ikun mill-partijiet li jabbanduna lill-parti l-oħra. Dan il-paragrafu, mbagħad, jiddependi minn dak ta' qablu li jittratta dwar "*Disinji u Fabrikazzjoni ta' Bini*". Dan il-paragrafu jistabilixxi ħlas ta' dritt dwar teħid ta' struzzjonijiet tal-klijent, tħejjija ta' skizzijiet ta' disinji, għamil ta' stimi approssimativi tan-nefqa b'qies kubu jew xort'oħra, sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-bini u/jew ta' liċenzi oħra, tħejjija ta' disinji u speċifikazzjonijiet ta' xogħol, għoti ta' sorveljanza ġenerali, u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' ħlas u ċertifikazzjoni ta' kontijiet. Ir-rata tad-dritt tiddependi mis-siwi kollu tal-proġett. Fejn in-nefqa taqbeż l-elfejn u tliet mitt euro, ir-rata tkun ta' sitta fil-mija (6%) tan-nefqa kollha;

[33] Xhieda tiegħu f'paġ. 167 tal-proċess

Illi mbagħad, il-paragrafu (11) jagħraf bejn abbandun jew twaqqif tal-proġett qabel ma jkun sar ċertu xogħol jew ingħataw ċerti servizzi. Fil-każ fejn il-perit ikun laħaq għamel stima approssimativa tal-prezz, issottometta applikazzjoni għal liċenzi għall-bini u/jew liċenzi oħra, u ħejja disinji u speċifikazzjonijiet tax-xogħol, id-dritt ikun ta' żewġ terzi ($^2/_3$) tar-rata stabilita fil-paragrafu (10)[34];

Illi l-Qorti ssib li meta ntemm l-inkariku tal-attur, huwa kien laħaq għamel dawn is-servizzi u għalhekk tgħodd għalihom id-dispożizzjoni li għadha kemm issemmiet;

Illi l-attur kien ilu sa minn Diċembru tal-1995[35] li ta stima ta' kemm kien se' jiġi jiswa ċ-ċentru tal-viżitaturi. Din l-istima, li kienet intbagħtet lill-imħarrek Direttur tat-Turiżmu, kienet tqis il-proġett mitmum b'kollox ('*turnkey*'). Ma tressqet l-ebda prova li turi li l-imsemmi Direttur jew xi ħaddieħor min-naħa tal-Gvern, kien ikkontesta dik l-istima. Dik l-istima kienet ingħatat wara li l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet approvat il-permess għall-iżvilupp u saret "*tempore insuspecto*" l-kwestjoni tal-lum. Huwa minn fuq din l-istima li l-attur silet il-pretensjoni tiegħu kontra l-imħarrkin u fissirha b'mod aktar dettaljat waqt is-smigħ ta' din il-kawża[36];

Illi, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni serja ta' dan, il-Qorti qiegħda toqgħod fuq din l-istima u l-prospett tal-attur u ssib li l-ammont lilu dovut huwa dak hemm imsemmi u tillikwida d-dritt dovut lill-attur fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf sitt mija u sitta u għoxrin euro (€ 41,626);

Illi l-imħarrkin ressqu tliet argumenti biex iwaqqgħu din il-pretensjoni tal-attur – l-ewwel wieħed (magħmul fit-**tielet eċċezzjoni** tagħhom) huwa li dak li qed jitlob il-ħlas tiegħu l-attur sar minn ħaddieħor u tħallas tiegħu ħaddieħor; it-tieni wieħed hu li ladarba l-attur iddikjara li kien tħallas ta' kull servizz li ta qabel ma ressaq l-applikazzjoni għall-bini, allura huwa ma jistax jitħallas darbtejn tal-istess ħaġa; u tielet wieħed hu li l-attur ma jistax jippretendi l-ħlas ta'

[34] Par 11.1.(b) tat-Tariffa "K"
[35] Dok "I", f'paġ. 17 tal-proċess
[36] Dok "RL", f'paġ. 83 tal-proċess

Taxxa ta' Valur Miżjud ladarba x-xogħol li għamel kien tah meta ma kienx għad hemm liġi bħal din fis-seħħ;

Illi dwar l-ewwel argument, il-Qorti tgħid li l-ħlas li sar lil BDG (d-ditta ingliża ta' periti konsulenti) kien ġeneralment jirrigwarda fażijiet ta' xogħol li saru qabel u li dwarhom kemm huma u kif ukoll l-attur kienu mqabbdin bħala konsulenti. Il-ħlas pretiż mill-attur f'din il-kawża huwa ħlas marbut ma' rabta professjonali u r-responsabbilta' li ġġib magħha, liema rabta d-ditta barranija ma kellha fl-ebda waqt dwar il-proġett mertu tal-każ;

Illi dwar it-tieni argument il-Qorti tqis li l-ħlasijiet li saru lill-attur u li huwa jagħraf li sarulu huma għal servizzi differenti minn dawk li dwarhom huwa ressaq din il-kawża, u għalhekk la jista' jingħad li huwa qiegħed jipprova jistagħna bla mistħoqq u lanqas li huwa jrid jitħallas ta' xi ħaġa li m'għamilx. Is-servizzi msemmija qabel (ukoll jekk il-proġett ma ntemmx taħt is-sorveljanza tiegħu) kien xogħol li d-Dipartiment kien jiswielu li kieku kompla bil-pjan li kien hemm biex il-bini jittella' skond il-permessi maħruġa;

Illi dwar it-tielet argument, jirriżulta li, meta seħħ l-abbandun tal-proġett (f'Lulju tal-1996) kien hemm fis-seħħ liġi li tirregola t-Taxxa dwar il-Valur Miżjud u kien f'dak il-waqt li l-attur seta' jressaq il-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tas-servizzi mogħtija minnu. Għalhekk, il-Qorti ssib li fuq l-ammont likwidat għandha tiżdied it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Peress li minn dak inhar li ngħataw is-servizzi professjonali mill-attur sal-lum ir-rata m'għadhiex l-istess, il-Qorti jidhrilha li r-rata ta' VAT applikabbli għandha tkun ir-rata li kienet fis-seħħ meta ngħataw is-servizzi, u dan kif jipprovdi l-Paragrafu 2 tar-Raba' Skeda tal-Att XXIII tal-1998 (Kap 406), jiġifieri r-rata tal-ħmistax fil-mija (15%);

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiċħad it-tielet eċċezzjoni;

Illi dwar it-**tielet kwestjoni** jirriżulta mill-provi li l-ħatra tal-attur biex iħejji l-pjanti u jressaq it-talba mal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-ħruġ tal-permessi saret mid-Dipartiment tat-

Turiżmu. L-imsemmija talba saret ukoll mill-attur f'isem dak id-Dipartiment[37]. Ġara iżda li, għall-ħabta tal-bidu tal-1996, il-proġett għadda mid-Dipartiment tat-Turiżmu għal għand id-Dipartiment tal-Mużewijiet. L-attur jgħid li din il-kwestjoni sabha ma' wiċċu minħabba li, meta f'Lulju tal-1996, talab il-ħlas, id-Dipartiment tat-Turiżmu qallu li kull talba riedet issir lid-Dipartiment l-ieħor. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, huwa jargumenta li din id-diffikulta' hija waħda akkademika għaliex wara kollox iż-żewġ dipartimenti huma fergħat tal-Gvern u tal-istess amministrazzjoni pubblika;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-responsabbilta' taż-żewġ imħarrkin għandha tkun solidali, u dan għaliex ħareġ mill-provi li, minkejja li sar it-"trasferiment" tal-proġett minn Dipartiment għal ieħor, iż-żewġ Dipartimenti kienu (sa minn żmien qabel dak it-trasferiment u minħabba l-kompetenzi speċifiċi tagħhom u n-natura importanti tal-proġett mill-aspett storiku arkejoloġiku) qegħdin jaħdmu għalenija fl-istess proġett. Minbarra dan, wara t-trasferiment, id-Dipartiment tat-Turiżmu kien baqa' joħroġ spejjez u finanzjament li ntalab fiż-żmien tad-Dipartiment tal-Mużewijiet, minħabba li kien għad fadal fondi allokati minn żmien qabel. Terġa' ssir riferenza hawnhekk għall-ittra tad-Direttur Lino Borġ lill-*project manager* Derek Broadley f'Awissu tal-1996, li wkoll titfa' dawl dwar min huwa responsabbli għall-ħlas lill-attur;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti sejra tipprovdi dwar it-tieni talba tal-attur billi tqis li ż-żewġ imħarrkin iridu jagħmlu tajjeb għall-pretensjoni tiegħu flimkien u solidalment bejniethom;

Illi minn dan isegwi li t-**tielet talba attriċi** jistħoqqilha wkoll tintlaqa' u ż-żewġ imħarrkin iridu jagħmlu tajjeb għall-ħlas dovut lill-attur;

Illi jifdal li l-Qorti tqis l-**eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** mqajma mill-imħarrkin. L-eċċezzjoni tinbena espressament fuq dak li jiddisponi l-artikolu 2149(ċ) tal-

[37] Ara Dok "JF", f'paġġ. 111 – 3 tal-proċess

Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar żmien ta’ sentejn biex perit arkitett ifittex għall-ħlas tad-drittijiet tiegħu u n-nefqiet li jkun għamel fit-twettiq ta’ dak ix-xogħol professjonali. Fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tagħhom[38], l-imħarrkin jorbtu mal-kontijiet ta’ xogħlijiet li l-attur jgħidu li għamel (u tħallas għalihom) bejn l-1992 u l-1995;

Illi, apparti mill-fatt li l-argument tal-imħarrkin huwa kontradittorju (għaliex l-allegazzjoni tal-ħlas imwettaq timplika għarfien tad-dejn), jidher li l-imħarrkin ma jagħrfux x’inhi n-natura vera tal-azzjoni attriċi u fuq liema jedd hija msejsa. Il-Qorti ma jidhrilhiex li l-eċċezzjoni hija tajba. Fl-ewwel lok, bħal kull żmien ieħor ta’ preskrizzjoni, iż-żmien għal azzjoni jibda għaddej biss minn dak inhar li l-azzjoni tkun tista’ titressaq[39]. Jekk wieħed iqis li l-azzjoni tal-attur tinbena kollha kemm hi fuq iċ-ċirkostanza tal-abbandun tal-proġett min-naħa tal-klijent jew tal-perit, iż-żmien tas-sentejn f’każ bħal dan jibda jgħaddi biss minn meta jkun seħħ l-abbandun imsemmi. Fil-każ li għandna quddiemna, din il-ġrajja seħħet lejn l-aħħar ta’ Lulju tal-1996 u jidher li ż-żewġ naħat kienu fehmu li r-relazzjoni professjonali ta’ bejniethom ma kienx għad fadlilha futur iżjed għalihom minħabba n-nuqqas ta’ qbil radikali li ntwera mill-attur għall-bidla tal-proġett minn ċentru mibni taħt l-art għal dak propost mill-imħarrek Direttur tal-Mużewijiet ta’ ċentru mibni ’l fuq minn wiċċ l-art. F’kull każ, jekk wieħed iqis meta ġara dan l-abbandun isib li sa ma nfetħet il-kawża lanqas kienu għaddew is-sentejn li jsemmi l-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. Minbarra dan, joħroġ mill-atti tal-kawża wkoll li l-attur kien interpella b’att ġudizzjarju kemm lill-imħarrek Direttur tal-Mużewijiet u wkoll lill-imħarrek Direttur tat-Turiżmu bejn Novembru tal-1996 u Ġunju tal-1997, b’mod li l-istess atti wkoll waqqfu għaddej iż-żmien preskrittiv[40];

Illi għalhekk l-imsemmija eċċezzjoni m’hijiex sejra tintlaqa’;

38 Paġ. 192A tal-proċess
39 Ara art. 2137 tal-Kap 16
40 Art. 2128 tal-Kap 16

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-imħarrkin dwar il-preskrizzjoni** bħala mhux mistħoqqa fid-dritt u ssib li l-azzjoni attriċi saret f'waqtha;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-attur jistħoqqlu jitħallas għas-servizzi professjonali mogħtijin minnu b'rabta mal-ipproġettar taċ-ċentru tal-viżitaturi tal-kumpless arkejoloġiku ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, fil-limiti ta' l-Qrendi, u **tillikwida** d-dritt lilu dovut fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf sitt mija u sitta u għoxrin euro (€ 41,626), flimkien mar-rata ta' Taxxa dwar Valur Miżjud fuq dik is-somma bir-rata tal-ħmistax fil-mija (15%);

**Tipprovdi dwar it-tieni talba attriċi** billi ssib li ż-żewġ imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom huma responsabbli għall-ħlas lill-attur tad-dritt professjonali hekk likwidat;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' wieħed u erbgħin elf sitt mija u sitta u għoxrin euro (€ 41,626), flimkien mar-rata ta' Taxxa dwar Valur Miżjud fuq dik is-somma bir-rata tal-ħmistax fil-mija (15%), flimkien mal-imgħax legali fuq dawk is-somom b'seħħ mis-26 ta' Novembru, 1996, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn** kollha għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------